# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001**

**Numru 66**

**Citaz. Nru. 949/99GV**

**Doc. Nru. 82-01**

**Lifts Services Ltd.**

**vs**

**Dr. Dominic Cassar u l-P.L. Joanna Dingli nominati permezz ta' digriet tal-hdax (11) ta' Mejju, 1999 kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw is-Socjeta' estera Maspero Elevatori S.A.S.**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici timporta u tinstalla f'Malta diversi tipi ta' "Lifts u Elevators" u ilha f'dan in-negozju ghal bosta snin;

Premess illi is-socjeta' attrici kienet interessata tippartecipa fil-progett taz-zvilupp li llum jgib l-isem "Portommaso" u qieghed jinbena fuq is-sit li sa ftit ilu kienet tospita il-lukanda "Malta Hilton International" u ghal dan il-fini s-socjeta' attrici fis-sena 1997 ntraprendiet negozjati mas-socjeta' konvenuta ghal fornitura ta' tip partikolari ta' "lifts" u cioe ta' "inclined lifts";

Premess illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' skrittura datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997, kopja taghha giet annessa u mmarkata dok. LS1, intrabtet li tbiegh, tikkonsenja u tassisti esklussivament lis-socjeta' attrici fit-territorju ta' Malta ghad-eskluzjoni ta' kull socjeta' ohra Maltija u dana ghar-rigward il-prodotti u l-lifts taghha u partikolarment dawk ta' "inclined lifts" ghal progett fuq premess kif tixhed kategorikament l-iskrittura annessa;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghogobha ma tirrispettax it-termini ta' l-iskrittura tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997 bla ebda gustifikazzjoni u raguni valida fil-ligi, anzi ghal kuntrarju ghazlet li tintraprendi negozju ma' socjeta' ohra lokali kompetitur tas-socjeta' attrici u dana konsapevolment ta' l-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta' attrici;

Premess illi dan l-agir da parte tas-socjeta' konvenuta kkaguna danni lis-socjeta' attrici u li minkejja nterpelazzjonijiet da parte tas-socjeta' attrici ghal hlas ta' dawn id-danni din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset li tirrispetta u li tonora l-obbligi taghha versu s-socjeta' attrici.

2. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici nkwantu li ma rrispettatx l-obbligi minnha assunti.

3. tillikwida, okkorrendo anke permess ta' periti nominandi, d-danni hekk kkagunati versu s-socjeta' attrici.

4. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas fi zmien qasir u perentorju lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1948/99 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2102/99 li qieghed jigi ppresentat kontestwalment ma' din ic-

citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-ksur tat-termini kontrattwali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol. 26 fejn eccepew:

Illi, preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti skond l-Artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet;

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-obbligi ta' esklussivita' li skond is-socjeta' attrici huwa l-obbligu li l-istess konvenuti ma rrispettawx u li ta lok ghal danni jmur kontra l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Att XXXI tal-1994) peress illi jimpedixxi, jrazzan u/jew ixekkel il-kompetizzjoni fuq is-suq Malti u ghalhekk skond l-istess Att kwalsiasi obbligazzjoni ta' din in-natura hija ipso iure nulla u mhux ezegwibbli; ghalhekk l-attrici ma tistax tirreklama danni a bazi ta' obligazzjoni nulla ad inizio.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attrici trid tipprova illi s-socjeta' konvenuta naqqset minn xi obbligu u li dan in-nuqqas ikkawza d-danni.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jiddikjaraw illi f'dan l-istadju ghadhom mhumiex edotti mill-fatti meritu tal-kawza u jirrizervaw illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jigu edotti minn dawn il-fatti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol 31 fejn eccepew:

Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti skond l-Artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-obbligu ta' esklussivita' li skond is-socjeta' attrici huwa l-obbligu li l-istess konvenuta ma rrispettawx u li ta lok ghal danni, jmur kontra l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Att XXXI tal-1994) peress illi jimpedixxi, jrazzan u/jew ixekkel il-kompetizzjoni fuq is-suq Malti u ghalhekk skond l-istess Att kwalsiasi obbligazzjoni ta' din in-natura hija ipso iure nulla u mhux ezegwibbli; ghalhekk l-attrici ma tistax tirreklama danni a bazi ta' obligazzjoni nulla ad inizio.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attrici trid tipprova illi s-socjeta' konvenuta naqqset minn xi obbligu u li dan in-nuqqas ikkawza d-danni.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jiddikjaraw illi f'dan l-istadju ghadhom, mhumiex edotti mill-fatti meritu tal-kawza u jirrizervaw illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jigu edotti minn dawn il-fatti.

Rat id-decizjoni preliminari a fol 38;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li s-socjeta' konvenuta naqset li tirrispetta u tonora l-obbligi taghha versu s-socjeta' attrici skond l-iskrittura tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997 Dok LS1 fol 6 ;

tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbili ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici nkwantu li ma rrispettatx l-obbligi minnha assunti;

tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti giet michuda b'sentenza tat-tnax (12) ta' Lulju, 2000 a fol 38.

Fit-tieni eccezzjoni, l-konvenuti eccepew li t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn a termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16. B'verbal a fol 52 il-konvenuti spjegaw dina l-eccezzjoni fis-sens li minn sentejn qabel il-prezentata tal-eccezzjonijiet, l-atturi ma nkorrew l-ebda danni u jekk sofrew xi danni qabel dawk is-sentejn, huma preskritti.

**Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn.**

**PROVI**

**Charles Farrugia,** managing director tas-socjeta' attrici, xehed li kien iffirma ftehim mas-socjeta' konvenuta fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1997. Sa Awissu 1997 l-anadament tar-relazzjonijiet bejniethom kien normali, imbaghad beda d-disgwid. B'ittra tal-hamsa ta' Settembru, 1997 (5/9/97) (fol 68) il-konvenuti kienu impenjaw ruhhom li jhallsuhom kumpens ghall-parti taghhom fit-tender tal-progett tal-Hilton. F'Settembru 1997 is-socjeta' konvenuta waqfet tikkomunika maghhom. Matul 1998 intebhu li s-socjeta' konvenuta kienet bi hsiebha tahdem jew direttament mas-sidien tal-progett (Spinola Development) jew ma' kompetitur

taghha (Topserv Ltd) bi ksur tal-ftehim li kellhom. Kien jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma kienitx sejra tonora l-obbligi taghha. Kienu kitbulhom fis-sitta (6) ta' Awissu, 1998 izda ma rcevewx risposta.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jissottomettu li s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi taghha minn Settembru 1997 'l quddiem ghaliex sa dak inhar kienu ghadhom qeghdin jigu infurmati li l-partecipazzjoni taghhom fil-progett kienet ser tigi rikonoxxuta. ("be assured that Maspero Elevatori, in case of order, will reward your efforts"). Ara ittra a fol 68. B'ittra ohra precedenti tas-sebgha (7) ta' Lulju, 1997 il-konvenuti kienu kkonfermaw "that your commission has been included as per agreement in the above quotation already in the hands of B.D.Associates" Dok a fol 65.

Illi l-konvenuti ma kkontestawx dawn il-fatti li jirrizultaw mill-korrispondenza ezebita.

Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.
Artikolu 2133 Kap 16.

"Jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni; u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anki prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu" Sentenza Borg vs Brincat et Vol XL111 p2 p 744.

Il-konvenuti kienu sa Settembru 1997 qed jirrikonoxxu li huma kienu ser jikkumpensaw lill-atturi tax-xoghol li ghamlu, ghalhekk jekk kien hemm xi terminu li qed jiddekorri dana gie interrot bl-ammissjoni tal-konvenuti. L-atturi pprezentaw il-kawza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999 entro s-sentejn prevvisti mill-ligi (art. 2153 Kap 16).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, spejjez ghall-konvenuti.

Tiddifferixxi l-kawza ghall-provi ta' l-atturi ghat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, 2001 fl-10.15am.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**